# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 20 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru: 651/15 DMA**

**Joseph Scerri**
**ID 680155(M)**
**Vs**
**Kunsill Lokali, Mosta**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fill-11 ta’ Awwissu, 2015 fejn l-attur talab illi l-esponent qieghed jitlob il-hlas tad-danni minnhu sofferti minhabba incident li sehh fis-7 ta’ Marzu , 2015 fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar u dana unikament tort tal-kunsill konvenut.

U billi ghalkemm iz-zamma tal-parti ta’ Triq il-Fortiza tal-Mosta, Naxxar fejn sehh l-incident hija resposnsabbilta tal-Kunsill konvenut; l-istess konvenut naqas li

jzomm din it-Triq fi stat tajjeb ta' manutenzjoni skond l-obbligi tieghu inkluz dawk a tenur ta' l-Artikolu 33 (1) (a) tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi frott in-negligenza u nonkuranza tal-ligijiet tal-konvenut l-attur soffra hsarat fill-vettura tieghu meta dahlet fill-hofor fl-istess triq kif ahjar spjegat fir-rapport tal-Pulizija ta' hawn anness bhala Dokument "A";

Illi d-danni sofferti mill-esponenti jinkludu l-ispejjez sabiex ibiddel it-tyre u r-rim u jirrizultaw mid-dokumenti hawn annessi bhala dokument "B1" sa "B6";

Illi minkejja li l-kunsill gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-istess ammont dan baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal jikkundanna l-Kunsill ihallas is-somma ta' tlett mija u erba  u tmenin ewro, hamsa u sittin centezmu (€384.65) jew kwalsiasi somma ohra verjuri, liema somma ma teccedix il-Kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal bl-imgfhax skond il-ligi u dana bl-imghax sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati skond il-ligi.

Il-Kunsill konvenut ipprezenta risposta fl-1 ta' Settembru, 2015 fejn eccepixxa illi l-Kunsill esponenti qieghed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti u dan abazi tas-segwenti eccezzjonijiet.

1. Illi l-Kunsill esponenti ma huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-parti tat-triq fejn sehh l-allegat incident mhix resbonsabilta' tal-Kunsil Lokali MOSTA;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suepost r-rikorrenti jridu jippruvaw in-ness bejn l-event dannuz u l-allegat nuqqas tal-Kunsill esponenti;

3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suepost ir-responsabilta' ghall-akkadut hija tar-rikorrenti Joseph Scerri;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont reklamat in via ta' danni huwa eccessiv u mhux gustifikabbli;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

It-Tribunal semgha l-provi taz-zewg partijiet fejn l-attur spjega fejn sehh l-incident u xi hsarat garrab fill-vettura tieghu.

Il-Kunsill Lokali min-naha tieghu ressaq il-prova illi kien ghamel *works order* aktar minn xahar qabel l-incident u li x-xoghlijiet skond din il-*works order* kellhom jittlestew sa erbghat ijiem qabel l-incident. Pero' quddiem dan it-Tribunal ma tresqitx il-prova illi dawn ix-xoghlijiet tlestew.  Anzi t-Tribunal ghandu quddiemu ritratt illi juri l-kuntrarju.  Il-provi li tressqu juru wkoll illi fill-fatt din il-parti tat-triq hija responsabilita' tal-kunsill konvenut.

It-Tribunak ghalhekk ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lil Kunsill konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u erba  u tmenin ewro, hamsa u sittin centezmu (€384.65) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**